**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 997/2016 GM**

**S & A Quality Assurance Surveyors Limited**

**vs**

**(1) Enemalta p.l.c. (C65836)**
**(2) L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u b' digriet tas-7 ta' Frar 2017 ġew kanċellati l-kliem "ta' Malta dwar l-Ambjent u"**
**(3) L-Awtorita` tal-Ippjanar; u**
**(4) L-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta` S & A Quality Assurance Surveyors Limited (C 14407) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. In forza ta' Avviż maħruġ fil-15 ta' Mejju 2012 (vide Dok. "A"), il-Korporazzjoni Enemalta, - li tagħha, is-soċjeta' konvenuta Enemalta p.l.c. issuċċediet fid-drittijiet u l-obbliġi, - ħarġet għal sejħa għal *tenders* għall-fornitura ta' servizzi in konnessjoni ma' *Monitor for the construction of terminal station and tunnel for the Sicily / Malta interconnector",* f'liema

*tender document,* ġie speċifikat illi s-servizzi għandhom jiġu prodotti skont il-kundizzjonijiet emanati mill-konvenuta Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, in forza tal-permess numru PA 5396/09 (vide Dok. "B").

*2.* Għall-imsemmija *tender* offrew is-soċjetajiet *AIS Environmental Limited,* is-soċjeta' *Terracore Limited* u s-soċjeta' attriċi.

*3.* L-offerta tat-*Terracore Limited* kienet għal mitejn u tlieta u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u sittin ewro (€253,264.00), dik tas-soċjeta' attriċi kienet għal mija u tnejn u għoxrin elf, sitt mija u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€122,640.80) u dik ta' tas-soċjeta' *AIS Environmental Limited* kienet għal sitta u sittin elf, erba' mija u erbgħin ewro (€66,440.00) rispettivament. Illi, dan it-*tender* ingħata lis-soċjeta' *AIS Environmental Limited.*

*4.* L-imsemmija *AIS Environmental Limited* kienet l-istess soċjeta' li għamlet *Environmental Impact Assessment* fuq l-istess proġett fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom.

*5.* Dan sar kontra kull regolament tas-soċjeta' u Awtoritajiet konvenuti u bi ksur serju tal-Liġi u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

*6.* Fl-abbozz *legal agreement for the monitoring works'*, ippreparat mill-korporazzjoni Enemalta, biex jirregola n-nomina ta' dan il-*monitoring consultant* mertu tal-istess *tender*, jingħad speċifikament, illi "*the consultant monitor agrees to have no financial or contracting interest directly or indirectly on this project.... ",* kif ukoll " *not to have been involved in giving the professional advice to the developer in submitting his application for the development permission to the Authority".* Illi, għalhekk, is-soċjeta' illi ingħatat l-inkariġu u li aċċettat it-*tender* mill-istess konvenuti, kienet l-istess soċjeta' li tat pariri professjonali lill-istess konvenuti li kienu qegħdin joħorġu dan it-*tender,* in konnessjoni mal-istess proġett u dan bi ksur lampanti tal-Liġi u ta' kull prinċipju ta' ġustizzja naturali.

*7.* Huwa ċar u manifest, illi n-normi kontrattwali u legali, kif ukoll il-prinċipji ġenerali ta' dritt inklużi dawk ta' indipendenza u parzjalita' ma ġewx osservati f'dan il-każ, mhux talli ma seħħ xejn b'mod trasparenti imma addirittura, it-trattamenti li ingħatat is-soċjeta' attriċi kien wieħed inġust, abbużiv, illegali u imparzjali.

*8.* Il-konvenuti kienu fid-dover, illi jeskludu lill-istess soċjeta' *AIS Environmental Limited* bħala s-soċjeta' li kienet għamlet l-*Environment Impact Assessment* u li tat il-pariri neċessarji lill-Korporazzjoni protestata, u dan partikolarment meta wieħed mid-doveri tal-istess *monitor* li kellu jiġi appuntat bit-*tender* kien proprju biex jgħid jekk l-oġġettivi stabbiliti mill-istess *Environment Impact Assessment* humiex qed jiġu milħuqa u / jew jekk addirittura jikkumenta dwar l-aspetti ta' dak l-eżerċizzju ta' *Environment Impact Assessment.* Illi, bin-nomina tal-istess soċjeta' *AIS Environmental Limited,* li għamlet tali' *Environment Impact Assessment,* dik is-soċjeta' ma

setgħet qatt tkun oġġettiva fil-kummenti tagħha dwar l-istess *Environment Impact Assessment* u kif dan qiegħed jiġi kif fedelment jew mhux fedelment jiġi applikat fil-proġett *de quo.* Dan iffisser illi s-soċjeta' li intgħazlet kienet manifestament ineleġibbli biex tkun tista' tagħmel dan il-monitoraġġ u tissindika l-istess *Environment Impact Assessment* illi sar f'dan il-każ, stante il-parzjalita' evidenti u lampanti illi neċessarjament għandha l-istess soċjeta' *AIS Environmental Limited.*

*9.* Is-soċjeta' li ingħatat it-*tender,* kienet f'pożizzjoni indebitament vantaġġjuża *vis a vis* offerenti oħrajn, inkluża l-istess soċjeta' attriċi, stante illi kellha l-informazzjoni u d-"data" teknika neċessarja, fil-pussess tagħha, informazzjoni illi l-istess *AIS Environmental Limited,* otteniet meta ikkumpilat l-imsemmi eżerċizzju *Environment Impact Assessment.* Huwa għalhekk, illi f'dan il-każ mhux talli ma ġiex osservat il-prinċipju tat-trasparenza oġġettiva fejn kollox kien jidher illi qed issir b'mod ġust u ekwu, imma talli s-soċjeta' attriċi sfat vittma ta' aġir diskriminatorju u parzjali u illegali tal-istess konvenut, meta għażlu illi jikkunsidraw li jagħżlu lis-soċjeta' *AIS Environmental Limited* u jagħtuha t-*tender,* meta kien l-obbligu legali tagħhom għar-raġunijiet fuq imsemmija, illi jeskludu tali soċjeta' *AIS Environmental Limited.*

*10.* A kawża ta' ksur ta' normi tad-dritt, kif ukoll tal-Liġijiet u regolamenti speċifiċi u l-aġir deskriminatorju, abbużiv u illegali tal-istess konvenuti, is-soċjeta' attriċi soffriet danni stante, illi kif ġja msemmi, wara l-offerta tas-soċjeta' *AIS Environmental Limited,* li ġiet abbużivament magħżula mill-konvenuti, it-tieni offerta l-aktar vantaġġjuża kienet dik tas-soċjeta' attriċi.

*11.* In forza ta' relazzjoni tal-Perit Arkitett David Pace fil-kwalita' tiegħu ta' Ombudsman rilaxxata fis-26 ta' Marzu 2014 li kopja tagħha qed tiġi hawn esibita bħala Dokument "C", ġie dikjarat li wħud mill-konvenuti kienu responsabbli għal aġir illegali, deskriminatorju, anti ġuridiku u li kkawża danni lis-soċjeta' attriċi.

*12.* In forza ta' ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju 2014 (vide Dok. "D"), kif ukoll dik tal-Protest Ġudizzjarju, ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2015 (vide Dok. "E"), il-konvenuti ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, iżda dawn baqgħu inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-għoti tat-*tender* mill-konvenuti, skont l-Avviż tal-15 ta' Mejju 2012, għal-fornitura ta' servizzi in konnessjoni ma' *Monitor for the construction of terminal station and tunnel for the Sicily / Malta interconnector,* lis-soċjeta' *AIS Environmental Limited* kien wieħed abbużiv, illegali, deskriminatorju, anti ġuridiku u li kkawża danni lis-soċjeta' attriċi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta’ attriċi minħabba l-imsemmi aġir abbużiv, illegali, deskriminatorju u anti ġuridiku tal-konvenuti *occorrendo* bl-opra ta’ Periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom, iħallsu lis-soċjeta’ attriċi, dik is-somma li tiġi likwidata in linea għad-danni għar-raġunijiet premessi.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita’ tal-Ippjanar li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Preliminarjament, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hi entita' ineżistenti u l-kawża kontriha saret għalxejn.

2. Il-mertu tal-kawża odierna jirrientra fil-kompetenza speċjali tal-Public Contracts Review Board {Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04}, mid-deċiżjonijiet ta' liema Bord hu mogħti appell lill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), u liema rimedju qatt ma ġie esperit mir-rikorrenti. Din l-Onorabbli Qorti hi għalhekk eżawtorata milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi.

3. Preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' interess ġuridiku u l-illeġittimita' tal-Awtorita' eċċipjenti li toqgħod f'din il-kawża in kwantu l-istess Awtorita' eċċipjenti la kienet il-contracting authority li aċċettat l-offerta tas-soċjeta' AIS Environmental Limited fil-proċess tas-sejħa għal tenders għall-fornitura ta' servizzi in konnessioni ma' Monitor for the construction of terminal station and tunnel for the Sicily/Malta interconnector, u tant anqas ma kellha xi forma jew oħra ta' nvolviment f’dan l-istess proċess.

4. F’kull każ, l-Awtorita' eċċipjenti ma tistax u m'għandhiex twieġeb għat-talbiet attriċi stante li kwalsiasi nvolviment li seta’ kellha l-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) f’dan il-każ, kien semmai involviment min-naħa tad-Direttorat għall-ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-istess MEPA. Il-funzjonijiet li qabel kienu fdati lill-imsemmi Direttorat illum ġew assenjati skont il-Liġi lill-konvenuta l-oħra Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi, liema Awtorita', li hi għal kollox awtonoma u distinta mill-Awtorita' eċċipjenti, ssuċċediet "fil-funzjonijiet, assi, jeddijiet, passiv u obbligi kolla tal-awtorità kompetenti stabbiliti taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u taħt il-provedimenti tal-artikolu 3 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, sakemm dawn il-funzjonijet, assi, jeddijiet, passiv u obbligi jirreferu għar-rwol tal-awtorità kompetenti stabbilit taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, u l-prevenzjoni, taffija, tpaċija jew rimedjar ta' effetti ħżiena fuq l-ambjent."

5. Fil-mertu, it-talbiet attriċi in kwantu diretti fil-konfront tal-Awtorita' eċċipjenti, huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt, in kwantu l-istess Awtorita' tal-Ippjanar ma hi bl-ebda mod responsabbli għall-allegat aġir

abbużiv, illegali, diskriminatorju u anti-ġuridiku lamentat mis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża.

6. F’kull każ, u mingħajr ħsara għall-premess, jispetta lis-soċjeta' rikorrenti li tressaq prova tad-danni minnha allegatament subiti, kif ukoll li ġġib prova illi l-Awtorita' taħti b'xi mod għal dawk id-danni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. In linea preliminari jiġi rilevat li l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi m'hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet kollha attriċi stante li hija qatt ma kellha xi forma ta' relazzjoni kuntrattwali jew kważi-kuntrattwali u lanqas pre-kuntrattwali mas-soċjeta' attriċi. Illi fuq kollox l-Awtorita’ esponenti qatt ma kellha sehem fl-għoti tat-tender imsemmi fir-rikors attriċi u lanqas ma kienet parteċipi sew b'mod dirett jew indirett fil-proċess tat-tender imsemmi fl-istess rikors attriċi. Għalhekk it-talbiet hekk kif dedotti ma jistgħux jiġu diretti fil-konfront tal-Awtorita' esponenti għas-sempliċi raġuni li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm xi forma ta' relazzjoni b'dan li lanqas qatt ma kien hemm xi forma ta' obligazzjoni sew diretta jew indiretta mill-istess Awtorita' esponenti versu r-rikorrenti.

2. In linea sussidjarja u fuq il-mertu, l-Awtorita' esponenti tirrileva li l-irwol legali tagħha fi proġett li għalih jinħtieġ li jsir EIA huwa li taċċerta li l-espert nominat mill-applikant ikollu dawk il-kwalifiki neċessarji sabiex jagħmel tali EIA u ma tidħolx fil-mertu ta' kif soċjeta’ kummerċjali jew awtorita' oħra tagħżel ir-rebbieħ tad-tender. Illi f’dan ir-rigward tajjeb li jingħad li l-istess Opinjoni tal-Perit Arkitett David Pace fil-kwalita' tiegħu ta' Ombudsman rilaxxata fis-26 ta' Marzu 2014 u li ssir referenza għaliha fir-rikors attriċi jingħad "neither was any proof submitted which could objectively point to a lack of transparency or discrimination at the EIA Consutlant selection Stage".

3. Bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi kif dedotti kontra l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżori huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Bla preġudizzju għas-suespost, u b'referenza għat-talbiet kollha attriċi, f’kull każ irid jiġi rilevat illi t-talbiet attriċi ma humiex per se direttament rivolti lejn l-awtorita' esponenti u jittrattaw mertu li ma huwiex naxxenti minn ebda att jew ommissjoni tal-esponenti u għaldaqstant f’kull każ l-esponenti ma għandux ibati ebda spejjeż f’dawn il-proċeduri.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta' Enemalta p.l.c li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Is-soċjeta' rikorrenti ma ndikat l-ebda 'Liġi' li allegament sfat miksura serjament mis-soċjeta' intimata u dan huwa naturali għaliex is-soċjeta' intimata ħarset d-dmirijiet kollha tagħha kuntrattwali u stattutorji tagħha;

2. Lanqas huwa ċar għas-soċjeta' intimata għaliex kienet marbuta bil-prinċipji tal-ġustizzja naturali (pero' fi kwalunkwe każ irrispettathom) meta r-relazzjoni kienet interament privata u meta hi kienet sempliċiment taġixxi fl-isfera kuntrattwali privata;

3. Tajjeb li wieħed jippreċiża ftit il-fatti kif esposti fir-rikors promotur sabiex tingħata stampa ċara ta' dak li ġara fil-kwistjoni de quo - l-fatti kif dedotti fl-1, it-2 u t-3 paragrafi mhux kontestati, pero' jrid jingħad li:

(a) fl-1 ta' Ġunju, 2012, is-soċjeta' intimata bagħtet ittra lill-offerenti kollha, inkluż lis-soċjeta' rikorrenti, fejn ġiet kkomunikata d-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni li l-offerta ta' AIS Environmental Limited kienet l-aktar waħda ekonomika vantaġġuża u anke *compliant* mar-rekwiżiti tat-tender;

(b) is-soċjeta' rikorrenti qatt ma ntavolat l-ebda lment formali mal-*Procurement Section* tas-soċjeta' intimata u anzi ħalliet l-kuntratt pubbliku bejn l-offerrent rebbieħ u s-soċjeta' intimata jiġi ffirmat u konkluż definittivament; u

(c) AIS Environmental Limited ma kinetx inkarigata sabiex il-permessi jinħarġu mill-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar, iżda sempliċiment biex jiġi kkummissjonat l-Environmental Impact Assessment - kwistjoni li hija anċillari għall-moniteraġġ tax-xogħlijiet li kienu ser isiru;

4. In oltre, huwa assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li involviment f'xi xogħol preparatorju minn wieħed mill-offerenti mhux neċessarjament jikkaġuna trattament differenti jew b'xi mod inaqqar mit-trasparenza rikjesta f'kompetizzjonijiet ta' dan it-tip - anzi li kieku wieħed jirraġuna dan il-mod jispiċċa joħnoq il-kompetizzjoni billi jeskludi mill-konkors konkorrenti validissimi. Għalhekk, id-diversi allegazzjonijiet magħmlua mis-soċjeta' rikorrenti fit-8 u fid-9 paragrafi tar-rikors promotur tagħhom huma kompletament ħrejjef u fantaxjenza, kif ser jiġi muri matul id-durata tal-kawża;

5. Is-soċjeta' rikorrenti għażlet konxjament li ma teżerċitax ir-rimedji spettanti lilha skont il-liġi u minflok tmur għand l-Ombudsman Parliamentari, speċifikament l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar. Bir-rispett kollu dovut lejn l-istituzzjonijiet ta' dan il-pajjiż, il-Kummissarju in kwistjoni ma kienx il-forum kompetenti fejn kellu jitressaq ilment ta' dan it-tip li huwa relatat mal-akkwist pubbliku u mhux mal-ambjent jew mal-ippjanar. In oltre, fil-veduta tas-soċjeta' intimata, ir-rapport tal-Kummissarju

datat 26 ta' Marzu 2014 huwa mifni bi żbalji, allegazzjonijiet infondati u konklużjonijiet li ma jsegwux u fi kwalunkwe każ mhux motivati, fejn ser jiġi ppruvat, matul id-durata tal-proċeduri. Għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn li ser jiġu mogħtija matul id-durata ta' din il-kawża, dan ir-rapport għandu jiġu kompletament injorat minn din l-Onorabbli Qorti;

6. F'dan l-isfond, din l-Onorabbli Qorti tista' tifhem l'għaliex aktar minn erba' snin wara, is-soċjeta' rikorrenti qed tressaq din l-azzjoni għad-danni kontra s-soċjeta' intimata u l-konvenuti l-oħra msejħa f'din il-kawża.

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

L-attriċi kienet waħda minn tlett offerenti wara sejħa għal tenders maħruġ mill-Korporazzjoni Enemalta fil-15 ta' Mejju 2012 (li tagħha l-konvenuta Enemalta p.l.c. hija s-suċċessur) għall-fornitura ta' servizzi in konnessjoni ma' *monitor for the construction of terminal station and tunnel for the Sicily/Malta interconnector*. L-offerta intrebħet minn AIS Environmental Limited ("AIS"). Billi AIS kienet għamlet l-eżerċizzju ta' *environment impact assessment*, l-attriċi ħasset li kellha vantaġġ fuqha biex setgħet tagħmel offerta orħos minn tagħha u għalhekk l-attriċi ingħatat trattament abbużiv, inġust, diskriminatorju u anti-ġuridiku. Talbet il-ħlas tad-danni.

Ikkunsidrat:

It-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar hi li l-mertu ta' din il-kawża jaqa' fil-kompetenza speċjali tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi; liema rimedju qatt ma ġie mħaddem mir-rikorrenti; għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi. Din l-

eċċezzjoni għandha tiġi ttrattata l-ewwel, billi, jekk tintlaqa', l-Qorti jkollha tieqaf hawn.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[1] l-istess konvenuta tkompli telabora fuq din l-eċċezzjoni. Issostni li Emanuel Scerri (direttur tal-attriċi) stqarr li segwa l-proċedura tal-ftuħ tat-tender li permezz tagħha fit-28 ta' Mejju 2012 ġew ippubblikati l-offerenti u l-kwotazzjonijiet tagħhom. Li kien jaf li kien hemm, apparti s-Soċjeta` Attriċi, żewġ offerenti oħra, waħda minnhom AIS Environmental Limited ("AIS") li kienet fasslet l-*Environmnental Impact Assessment*. Li seta' pprotesta quddiem id-Direttur kif ukoll seta' appella quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

Il-Qorti rat il-L.S. 174.04 kif kien fiż-żmien meta ħareġ it-tender in kwistjoni, għaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-Awtorita` tal-Ippjanar jidher li ċċitat l-L.S. 174.04 fil-verżjoni preżenti tagħha. Tassew li dak iż-żmien (bħalma hemm illum) l-attriċi kellha numru ta' rimedji kemm qabel kif ukoll wara li l-kuntratt ingħata lil AIS.

**Qabel**, setgħet talbet rimedju mingħand id-Direttur tal-Kuntratti jew uffiċjali oħra tad-Dipartiment tal-Kuntratti hekk kif awtorizzati minnu (Reg.7(1)). Is-setgħat tad-Direttur huma wiesa' ferm. Jista', fost l-oħrajn, jieħu miżuri temporanji biex jikkoreġi l-allegat ksur jew jipprevjeni danni ulterjuri, inkluż li jissospendi l-proċedura; u jwarrab deċiżjonijiet meħuda b'mod illegali. Mid-deċiżjoni tad-Direttur, kien hemm ukoll appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell (Reg. 7(3)).

[1] Fol. 1346.

**Wara**, kellha jedd ta' lment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni (Reg.21(1)). Meta jiġi pprezentat ilment, il-proċedura tal-għoti kienet tiġi sospiża (Reg. 21(2)(b)). Mid-deċiżjoni tal-Bord kien hemm dritt t'appell illimitat quddiem il-Qorti tal-Appell (Reg.21(5)).

Meta jiġi mogħti kuntratt pubbliku, l-awtorita` kontraenti kellha l-obbligu li twaħħal avviż tal-għoti, f'post prominenti fil-fond tagħha, u tgħarraf b'fax jew mezzi elettroniċi lill-offerent jew kandidat involut li l-għoti jkun ġie ppubblikat (Reg. 21(1)). Iż-żmien għall-ilment kien jibda jgħaddi minn dan l-avviż. Emanuel Scerri jilmenta li qatt ma ġie notifikat bl-għoti in kwistjoni.[2]

L-avukat tal-Enemalta, fuq talba tal-Qorti biex jipproduċi kwalunkwe dokumentazzjoni tal-avviż, stqarr li ma kellu ebda dokumenti disponibbli għajr dawk diġa' esibiti. L-attriċi lanqas ippruvat tikseb provi mingħand l-Enemalta dwar dan l-avviż, għalkemm xehed l-uffiċjal inkarikat mit-tenders, imma straħet fuq is-sempliċi stqarrija tad-direttur tagħha stess. Fil-fehma tal-Qorti, kien jinkombi fuq l-attriċi li ġġib prova li ma ġietx notifikata, anke jekk din hija prova negattiva. Dan għaliex wara l-mogħdija ta' għaxar snin, huwa diffiċli li tiġi prodotta prova bħal din. Issa huwa ferm faċli għall-attriċi tallega dan in-nuqqas biex tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tieħu azzjoni tempestiva quddiem it-tribunal speċjalizzat għal daqshekk.

Fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma tistax taħrab miċ-ċirkostanza li setgħet użat ir-rimedju li kellha **qabel** l-għoti tal-kuntratt. F'dak l-istadju *ex admissis* kienet infurmata - uffiċjalment – sewwa dwar x'kien qiegħed jiġri.

[2] Fol. 83, u 1202.

Meta l-leġislatur joħloq tribunal biex jitratta kwistjonijiet dwar materja partikolari, din il-Qorti tiġi mneżża' mill-kompetenza ġenerali tagħha, in forza tal-prinċipju li *lex specialis derogat legi generali*.

Mhuwiex il-każ li d-Direttur u t-Tribunal joffru biss rimedju limitat. Apparti li d-Direttur jista' saħanistra jakkorda d-danni; jekk l-ilment quddiem it-Tribunal jgħaddi f'ġudikat quddiem il-Qorti tal-Appell, l-oblatur ikollu l-jedd jiftaħ kawża għad-danni quddiem din il-Qorti.

Din il-Qorti tieħu l-opportunita` biex tisħaq għal darb'oħra li l-Qrati m'għandhomx jitgħabbew b'kawżi bla bżonn speċjalment f'sitwazzjoni fejn diġa' huma mgħobbija żżejjed u għandhom riżorsi limitati.

Din l-eċċezzjoni hija waħda valida u jistħoqqilha tintlaqa'.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar, tiddikjara li m'għandhiex kompetenza tisma' dan il-każ u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA